

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## KUMMISSJONI

## SEJĦA GĦAL PROPOSTI — EACEA/22/08

Appoġġ għad-distribuzzjoni transnazzjonali ta' films Ewropej  
Netwerking tad-distributuri Ewropej — Sistema ta' appoġġ "selettif"

(2008/C 249/08)

1. **Objettivi u Deskrizzjoni**

Din is-sejħa għal proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm multiannwali uniku għall-azzjonijiet Komunitarji fil-qasam awdjoviżwali għall-perjodu 2007-2013 (MEDIA 2007).

L-għanijiet tal-programm MEDIA 2007 għas-settur tad-distribuzzjoni huma dawn:

- (a) li tissaħħaħ id-distribuzzjoni Ewropew billi d-distributuri jiġu mħeġġa jinvestu fil-koproduzzjoni, l-akkwist u l-promozzjoni ta' films Ewropej mhux nazzjonali u biex idaħħlu fis-seħħ strateġiji kkoordinati ta' kummerċjalizzazzjoni;
- (b) li jiffaċilita tixrid transnazzjonali akbar ta' films Ewropej billi jħeġġeġ b'mod partikolari lid-distributuri biex jinvestu fil-promozzjoni u d-distribuzzjoni adegwata ta' films Ewropej mhux nazzjonali.

2. **Kandidati eliġibbli**

Dan l-avviż huwa indirizzat lill-kumpaniji Ewropej li jispeċjalizzaw fil-bejgħ internazzjonali ta' films ċinematografiċi Ewropej.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed minn dawn il-pajjiżi:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea,
- il-pajjiżi tal-EFTA u taż-ŻEE: l-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja,
- il-pajjiżi kandidati: il-Kroazja,
- l-Iżvizzera.

3. **Azzjonijiet eliġibbli**

Din is-sejħa għal proposti hija indirizzata lil kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għaċ-ċirkolazzjoni ta' films ċinematografiċi Ewropej, b'mod partikolari lil kumpaniji ta' distribuzzjoni ċinematografika.

It-tul tal-proġetti u l-perjodu ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż huwa ta' mhux aktar minn 16-il xahar. Il-film għandu jinħareġ fiċ-ċinemas fit-territorji inkwistjoni l-aktar kmieni fid-data ta' għeluq applikabbli għall-preżentazzjoni tal-proposti, u sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data ta' għeluq għall-preżentazzjoni li fiha l-aggruppament inizzjali ta' distribuzzjoni appoġġati jkun ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal appoġġ.

#### 4. Kriterji ta' attribuzzjoni

L-appoġġ ser jingħata għad-distribuzzjoni ta' films b'baġit ta' produzzjoni massima ta' EUR 15 miljun, lil għaqdiet ta' distributori li jikkonsistu f'ta' mill-inqas 5 distributori għall-films li l-baġit tagħhom huwa inqas minn EUR 3 miljun u ta' mill-inqas 7 distributori għall-films li l-baġit tagħhom huwa ta' bejn EUR 3 u 15 miljun.

Il-kriterji ta' attribuzzjoni tal-appoġġ huma dawn: l-orijini u l-ġeneru tal-film, in-numru ta' distributori eliġibbli, u l-ewwel jew it-tieni xogħol tal-produttur.

Tingħata attenzjoni partikolari għall-iżvilupp tal-potenzjal tal-pajjiżi b'kapaċità ta' produzzjoni dgħajfa u/jew b'medda lingwistika u ġeografika ristretti.

#### 5. Baġit

Il-baġit massimu disponibbli fuq il-bażi ta' din is-Sejħa għal proposti jammonta għal EUR 12 250 000 miljun soġġett għall-krediti disponibbli fuq il-bażi tal-baġit 2009.

L-għajjnuna finanzjarja ma tistax taqbeż il-50 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tallokax il-fondi kollha disponibbli.

#### 6. Data ta' għeluq għas-sottomissjonijiet

Id-data ta' għeluq biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet hija **l-1 ta' Diċembru 2008, l-1 ta' April 2009 u l-1 ta' Lulju 2009**. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil dan l-indirizz:

Agence Exécutive «Éducation, Audiovisuel et Culture»

Programme MEDIA

Appel de propositions EACEA/22/08

Att. M. Constantin Daskalakis

BOUR 03/30

Avenue du Bourget 1

B-1040 Bruxelles

Jiġu aċċettati biss l-applikazzjonijiet ppreżentati fuq il-formola adegwata, mimlijin kif xieraq, bid-data u ffirmati mill-persuna bis-setgħa li tirrapreżenta legalment lill-entità li tippreżenta l-applikazzjoni.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-faks jew posta elettronika ma jiġux aċċettati.

#### 7. Tagħrif sħiħ

It-test sħiħ tas-sejħa għal proposti, kif ukoll il-formoli ta' applikazzjoni, jinsabu fuq l-indirizz <http://eacea.ec.europa.eu/media>. Huwa obbligatorju li l-applikazzjonijiet jintbagħtu fuq il-formola pprovduta u jkollhom l-Annessi u l-informazzjoni kollha mitluba.

---